MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Numru 285/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marisa Camilleri)**

**vs**

**Christopher Mifsud**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Christopher Mifsud ta’ 20 sena bin Paul u Maria Dolores nee’ Chircop imwieled Pieta’ fil-11 ta’ Marzu 1988 u residenti 44 Triq Santa Katarina, Qormi jew 67, Triq San Pietru, Qormi u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 143188 (M) gie imressaq quddiemha akkuzat talli:-

F’xi granet/gimghat/xhur qabel 06/04/2008 b’ diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li kisru

l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, f' Hal-Qormi mid-dar tal-genituri tieghu cioe' fond 67, Triq San Pietru Qormi, ikkommetta serq t' affarijiet ta' deheb li l-ammont taghhom jaccedi l'elf lira Malitn (Lm1000) ekwivalenti ghall-€2329.37 ghad-detriment tal-istess genituri tieghu Paul Mifsud ID 131665 (M) u Maria Mifsud nee' Chricop ID 498565 (M).

Fil-5 ta' April 2008 u xi granet qabel b' diversi att maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda ikkometta serq ta' mija u hdax il-lira u wiehed u sittin centezmu (Lm111.61) ekwivalenti ghal mitejn u sittin ewro (€260) mill-fond Gold Play, Triq il-Kardinal Sciberras, Qormi ghad-detirment ta' Michael Sammut ID 483762 (M).

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 1 ta' Ottubru 2008 fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 18, 261 (c), 267, 279 tal-Kodici Kriminali.

Semgaht l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-18 ta' April 2008  ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Semghat il-provi;

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkundizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt li huwa ghandu fedina penali tista' tghid netta, il-fatt li l-genituri tieghu Paul u Maria Dolores Mifsud

qed jahfrulu ghal dak kollu li gara u l-fatt li l-imputat li ghandu problema mill-abbuz tad-droga wera d-disponibilita' tieghu li jibda b'mod immedjat programm residenzjali sabiex jeghleb din il-problema u l-fatt li huwa hallas l-ammont involut lill-vittma Michael Sammut. In vista ta' dan kollu l-Qorti jidrilha li jkun opportun li l-imputat jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu datata 1 ta' Ottubru 2008 tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda taghmel Ordni ta' P*robation* li permezz tieghu tqieghed lill-hati taht is-sorveljanza ta' l-Ufficjal tal-Probation illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan taht is-segwenti kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perjodu ta' probation ta' tlett (3) snin Christopher Mifsud ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. L-Ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta' Christopher Mifsud kull sitt (6) xhur bil-miktub.

3. Christopher Mifsud ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 qed tinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D.

Illum 3 ta’ Ottubru, 2008

Il-Pulizija
(Spettur Marisa Camilleri)

vs

Christopher Mifsud

ORDNI TA’ PROBATION
(Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta)

Seduta tal-llum 3 ta’ Ottubru, 2008.

Billi b’sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi Christopher Mifsud gie mpoggi taht Ordni ta’ Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal perjodu ta’ tlett (3) snin millum.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta’ Probation.

Wara li fissret bi kliem car l-effett ta’ din l-Ordni ta’ Probation lil hati inkluz il-htigijiet mizjuda skond l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 u nnutat li l-imputat wera li jrid ihares il-htigijiet ta’ dik l-istess ordni.

Tordna li l-imsemmi Christopher Mifsud detentur tal-karta tal-identita’ numru 143188(M) ta’ 20 sena, iben Paul u Maria Dolores nee’ Chircop, imwieled Pieta’ nhar il-11 ta’ Marzu 1988 u joqghod fil-fond 44, Triq Santa Caterina Qormi jew 67, Triq San Pietru Qormi jitqieghed taht Ordni ta’ Probation ghal perjodu ta’ tlett (3) snin millum taht dawn il-kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perijodu ta’ probation ta’ tlett (3) snin Christopher Mifsud ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-

kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.
2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta' Christopher Mifsud kull sitt (6) xhur bil-miktub.
3. Christopher Mifsud ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficcju tal-Probation Services ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------